Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 400 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Christopher Schembri**

Illum, 18 ta' Gunju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Schembri, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-3 ta' Lulju, 1982 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 362782 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-17 t` Awissu 2011 matul xi hin bil-lejl, ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa l-Bocci Club gewwa l-Marsa liema serq kien ikkwalifikat bil-valur izjed minn 2330 ewro, hin, mezz ghad-dannu ta` Pierre Cremona jew persuna/i ohra.

Aakkuzat wkoll li hassar hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsarat ma jeccedux l- 1164 ewro kif wkoll b 'ricettazzjoni tal-istess oggetti. Fl-ahharnett kien akkuzat li irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Lulju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 289, 325(1)(b), 334(a) u 533 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi imputat

hat ital-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal erba' snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Christopher Schembri minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassarha u tirrevokha u kwindi minnha tillibera lill appellant skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u,

Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi primarjament, l-appellant jistghageb kif il-persuna illi litteralment talbitu pjacir jassistiha (Gorg Galea) sabiex jmur jiehu l-oggetti minn hwejjgu stess cjoe, proprjeta ta` Galea qatt ma tressqet jew ossia kienet arrestata waqt il-mori ta` procedure appellati! Jsegwi illi Cremona kien moruz fi hlasijiet ta` kera ad favur is-sid Galea stess, u b'hekk Galea talab ragel iehor jghinu jgorr dawn l-oggetti. Issa kif ben elenkat u not il-Carrara jiddifenixxi serq bhala:*la contrazzione dolosa, senza autorizzazione di un oggetto mobile, col animo di far lucro'.*

Hawnhekk si tratta ta` oggetti allegatament ta` Cremona, izda li l-mottiv ittiehdu minn Galea abbazi li Cremona ma kienx hallsu l-kirjiet miftiehma fuq il-gestione tal-club msemmi. L-appellant kien semplici ghodda sabiex Galea li hawn jikkomporru l-elementi kollha ta` raggion fattasi skond il-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u b'hekk qatt ma kellu l-mensrea rikjesta sabiex huwa jinstab hati dwar serq ikkwalifikat kif fill-fatt sabitu hati l-Ewwel Qorti. Mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess, xhed Cremona fejn dan iddezimina totalment minn responsabbilita` lil appellant innifsu, stante li Cremona kien ben konxju ta` x kien l-iskop ghala Galea mar jehodlu dawn l-oggetti u certament l-appellant qatt ma kellu konnessjonijiet ma Cremona jew kien

jaf bl-esistenza ta` dawn l-oggetti mittiehda.Xehdet wkoll Monica Agius, is-siehba ta` Galea fejn din stqarret li kienet presenti meta Galea staqsa lil appellant sabiex jmur jghinu jiehu l-oggetti. Meta wasal sabiex jittella jixhed Galea, dan ghazel li ma jixhiedx ghax jista jinkrimina ruhu! [1]

L-appellant assistit minn avukat ta` ghajnuna legali, kellu opportunita limitatissima cjoe li jixhed huwa biss, fejn rega tenna dak gia maghruf mill-investigaturi meta kellimhom qabel irilaxxa stqarrija esebita, fejn anka l-ufficcjali investigaturi stqarrew kif qallhom 'verbalment' qabel ma bdew jiktbu l-istqarrija. Il-fatt illi meta l-appellant gie biex jwiegeb huwa ghazel li ma jwiegibx, ma jista qatt jimpingi kontra tieghu meta Qorti tqies il-kredibbilita jew le, ta` xhud jew xhieda. Ghandu jkun tenut kont ta` min huwa Galea Gorg li ma tressaq qatt fuq serq bhal l-appellant: l-appellant f'kull ragun u probabbilita` hass li m ghandhux jwiegeb bill-miktub stante biza minn Galea, u dank if wara snin fill-fatt sehh meta l-istess Galea allegatament ikkommetta triplu omicidju liema proceduri ghadhom sub judice.

Illi fl-ahharnett, il-logika u dinamika timplika illi l-appellant meta biegh l-oggetti lil Magro Alan, qatt ma qallu li kienu misruqin, ovvjament lanqas huwa stes sma basar li misruqin, la Galea qallu li kienu tieghu! B'hekk Magro poggiehom f'hanut li ghandu Birkirkara minn fejn intlemhu minn Pierre Cremona ftit jiem wara li Magro xtrahom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

---

[1] Avolja sall-lum il-gurnata qatt ma tressaq anka jekk cjarament kien huwa stess illi ha l-oggetti u b'hekk il-principal f'kwalunkwe imputazzjonijiet)

Rat in-nota ( li kellha tkun rikors) tal-appellant prezentat fir-registru ta din il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju 2019 li permezz taghha ghamel referenza ghat-talba maghmula waqt il-mori ta' dan l-appell sabiex din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti t Droga u talab li jitharrek ix-xhud Dr Moses Camilleri saebix jixhed u jikkonferma illi l-appellant kien depenenti fuq drogi.

Illi f'din in-nota stqarr ukoll li xtaq li l-probation officer Svetlana Bezzina li kinet qed issegwi lill-esponnenti abbazi tal-problema ta tehid ta' droga u dipendenza tithalla tixhed ukoll.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' fejn ordnat notifika lill-Avukat Generali tar-rikors tal-appellant.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentat fl-atti nhar it-8 ta Mejju 2019 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"Illi fir-rikors odjern ir-rikorrenti jghamel accenn ghat-talba maghmula minnu versu l-artikolu 5 tal-kap 537 tal-ligjiet ta Malta liema talba qatt ma giet notifikata lill-esponenti.*

*Illinonnostante li din it-talba qatt ma giet notifiata lill-esponenti, l-Avukat Generali bir-rispett isostni li la darba l-imputa hu akkuzat bir-reat ta serq aggravat bil-valur ( li jeccedi l-€2,3329.37 mezz u hin u b'hekk il-piena kumplessiva gal dan ir-reat tiskorri s-seba;' snin prigunerija rikjesta mill-Artikolu 8 tal-kap 537 ( u mhux 9 kif erronjament indikat mill-Avukat Generali) tal-ligijiet ta Malta sabiex din il-Qort tikkonverti ruha f'Qorti dwar id-Droga, din it-talba ma tistax issir."*

Ghaldaqstant stqarr li talba verso l-artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta ma tistax issir fil-kaz odjern u ghalhekk talab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jitkompla

s-smiegh tar-rikors ta' l-appell u dan salv kul provediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jghogobha timponi fil-gudizzju ghaqli u superjuri taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet fis-seduta fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2019 u l-partijiet jitolbu li din il-Qorti ghandha taghti provvediment dwar din it-talba ai termini tal-artikolu 8 tal kap 537 qabel ma jigi trattat il-mertu tal-kaz .

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal kap 537 ai fini tat-talba tal-appellanti lijipprovdi s-segwenti:-

8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijietli għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduriquddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat* ***<u>li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija</u>***[2]*,* ***u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti,***[3] *il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kullxhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jaghmel talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:

---

[2] Enfasi ta din il-Qorti
[3] Enfasi ta din il-Qorti

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jsitax ikollu piena li teccedi **seba' snin priġunerija** u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' it tieni kundizzjoni u cioe;

2. **Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti**, u cioe:-

   *(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kullliġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija husostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

   *(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

   *(c) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk l-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-seba' snin prigunerija.

Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti tmur hafna oltre is-sebgha snin prigunerija minkejja li l-ewwel Qorti ikundannatu ghal erba' snin prigunerija.

Bizzejjed jinghad li dwar ir-reat ta' serq aggravat bil-valur ut sic jimpora piena ta' prigunerija sa massimu ta' seba' snin u hawnhekk l-appellant hu akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur mezz u hin oltre bir-reati ta' hsara volontarja u ricettazzjoni u talli huwa recidiv u ghalhekk il-piena zgur li tiskorri is-seba' snin priguneria .

Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur